# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tal-31 t'Awwissu 2023**

**Rikors Numru : 321/2023JPG**

**Kawza Numru : 38**

**AB**

**U**

**NB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u NB datat 14 ta' Gunju 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fit-22 ta' Gunju 1991 gewwa l-Parrocca ta' San Pawl ir-Rabat, Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. A****);*

*2. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi minn dan iz-zwieg huma kienu addottaw lit-tifel JRB permezz ta' digriet ta' adozzjoni datat X, liema tifel twieled f'Y u li ghalhekk illum ghadu minorenni;*

*3. Illi l-esponenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Liza Schembri fl-10 ta' Dicembru 2015 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. B****);*

*4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxien (vide Artikolu 4 tal-istess kuntratt);*

*5. Illi fir-rigward tat-tifel minuri, l-esponenti jiddikjaraw illi l-manteniment dovut u pagabbli mill-esponent AB versu l-bzonnijiet ta' binhom minuri hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 6 tal-istess kuntratt dejjem thallas puntwalment u arretrati m'hemmx;*

*6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

*7. Illi l-esponenti qeghdin jannettu affidavit taghhom li qed jigu hawn annnessi u mmarkati bhala* ***Dok. C1 u C2)****;*

*8. Illi l-esponenti NB taghzel illi tirriverti ghal kunjomha xbubitha C.*

*9. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tawtorizza lill-esponenti Annunziata sive Nancy Borg* ***tirriverti ghal kunjomha xbubitha C.***

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AB xehed** (vide affidavit fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 1991 u li minn dan iz-zwieg addottaw tifel permezz ta' digriet datat 10 t'Ottubru 2008 u li twieled fit-12 ta' Jannar 2007, ghalhekk ghadu minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Liza Schembri datat 10 ta' Dicembru 2015. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom.

**NB xehdet** (Vide affidavit Fol 16) u kkorroborat u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

*flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 1991, liema zwieg jgib certifikat numru 1049/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg hemm tifel addottat li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Liza Schembri datat 10 ta' Dicembru 2015. (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1049/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti tilqa' t-talba ta' NB sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C u tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**